MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2215/2002

**Ad. Com Company Limited**

**vs**

**Glenn Debattista**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm871.52c (tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu) dovuti:

(a) kwantu ghal Lm56.49c (sitta u hamsin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu) skond fattura numru 272 datata 12 ta' Marzu 2001,

(b) kwantu ghal Lm103.50c (mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu) skond fattura numru 274 datata wkoll 12 ta' Marzu 2001,

(c) Kwantu ghal Lm117.99c (mija u sbatax-il lira Maltin u disgha u disghin centezmu) skond fattura numru 470 datata 17 ta’ Settembru 2001,

(d) Kwantu ghal Lm115.00c (mija u hmistax-il lira Maltin) skond fattura numru 471 datata wkoll 17 ta’ Settembru 2001,

(e) Kwantu ghal Lm105.23c (mija u hames liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) skond fattura numru 472 datata wkoll 17 ta’ Settembru 2001,

(f) Kwantu ghal Lm113.85c (mija u tlettax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) skond fattura numru 481 datata 28 ta’ Settembru 2001, u

(g) Kwantu ghal Lm259.46c (mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu) skond fattura numru 482 datata wkoll 28 ta’ Settembru 2001, u dan kollu in konnessjoni ma’ xogholijiet ta’ disinn, stampar u xoghol iehor relatat kif ukoll spejjez konnessi ma’ l-istess, kif jidher ahjar minn fatturi li kopji taghhom huma annessi ma’ l-Avviz u mmarkati bhala Dok. “A’ sa “G’.

Bl-ispejjez ta’ l-Avviz, ta’ l-ittra nterpellatorja ta’ l-14 t’Awissu 2002 (kopja Dok. “H”) u ta’ l-ittra nterpellatorja sussegwenti datata 11 ta’ Settembru 2002 (kopja Dok. “I”), u bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug ta’ l-fatturi rispettivi sa’ d-data ta’ l-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Kopja ta’ prospett huwa anness ma’ l-Avviz u mmarkat bhala Dok. “I”.

Ra n-nota t’ammissjoni prezentata fil-21 t’Ottubru 2002 seduta stante minn Dr Lara Lanfranco li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talba tas-socjeta’ attrici.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ 871.52c (tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu) prezz ta’ servizzi rezi.

Bl-ispejjez b bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**